KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 59 – L-ERBGĦA 10 TA' MEJJU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**59.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

59.1.1 Ma kienx hemm.

**59.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

59.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (58) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

59.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 59.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

59.3.1 Ma kienx hemm.

## 59.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

59.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa dwar l-attività soċjali li organizza l-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm kienet suċċess fejn il-konkorrenza kienet waħda numeruża u s-servizz kien wieħed eċċellenti. B'dan il-mod, il-Kunsill reġa qed jibni l-kuntatt mall-komunità tal-Iklin wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija COVID-19. Permezz ta' dawn l-attivitajiet soċjali, il-Kunsill qed jilħaq faxxa ta' residenti li jirrisiedu fil-komunità li huma fil-maġġor tagħhom anzjani. B'dan il-mod, il-Kunsill qed jindirizza sitwazzjonijiet differenti l-aktar għal dawk li jgħixu waħedhom.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jibda jaħseb għal attività oħra fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier għax il-komunità qed turi nteress u għaldaqstant il-Kunsill jorganizza dawn l-attivitajiet għax mingħajr ma nirrejalizzaw kemm isir ġid għal dawk li jgħixu waħedhom u jaraw dawn il-ħarġiet bħala okkażjoni biex ir-residenti joħorġu u jissoċjalizzaw li ċertament tgħinhom mentalment. Ikkonkluda li jkun ferm importanti li l-għażla tal-post ikun wieħed aċċessibbli għal kulħadd. *Nem con*.

59.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-issue dwar l-irwejjaħ mhux pjaċevoli li huma allegatament ħerġin minn impjant lokalizzat fl-Iklin qed jerġa jerfa rasu jew għax żdiedet l-attività industrijali jew għax hemm xi ħaġa mhux taħdem tajjeb fl-operat. Fakkar li l-Kunsill kien lura għas-sena 2020 kien ħareġ saħansitra stqarrjia dwar dawn l-emissjonijiet u l-perikli ta' dawn it-tossiċi għas-saħħa tal-persuna. L-aktar nies milquta huma naturalment ir-residenti li jgħixu fil-parti ta' fuq tal-Iklin. Ir-riħ jilgħab fattur importanti għaliex meta jkun riħ ġej mill-grigal, qed jiġu affettwati r-residenti ta' din iż-żona. Informa li l-Kunsill reġa kiteb lill-Awtorità regolatorja ERA dwar dawn l-ilmenti li qed iressqu r-residenti minħabba dan il-periklu serju partikolarment għas-saħħa tal-persuna.

Is-Sindku ikkonkluda li l-aħħar komunikat li rċieva l-Kunsill kienet tgħid li l-allegat impjant għandu l-permessi neċessarji però l-Awtorità ERA ma tistax tinforza fuq l-operat għal raġuni li skont l-istess Awtorità m'hemmx leġiżlazzjoni fis-seħħ.

F'dan l-istadju, il-Kunsill irid jikkummissjona studju xjentifiku billi jiġi stallat *air monitoring unit* biex jibdew jieħdu *readings* ta' dawn l-emmissjonijiet biex eventwalment ikunu jistgħu jintużaw bħala prova ta' evidenza f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jiftaħ kawża.

59.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras reġa tkellem dwar *snag list* li għadha pendenti mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar il-proġett ta' Triq il-Wied. Numru ta' issues li baqgħu ma ġewx riżolti fosthom il-ħsejjes li jagħmlu l-*manhole covers* kollha tat-triq, *rain water catchments* tat-triq kollha kull darba li tgħaddi vettura minn fuq din l-infrastruttura. Minn ħin għall-ieħor nistennew xi traġedja għaliex mhux darba jew tnejn li għoliet xi parti minn sprall tal-ilma tax-xita bil-kawża li jiġri xi inċident fatali speċjalment għas-sewwieqa tal-muturi.

59.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kien irċieva komunikazzjoni mingħand resident fl-Iklin fejn qed joffri li jieħu ħsieb terġa toħroġ rivista 'Leħen il-Kunsill' kull tliet xhur bħal ma' kien isir snin ilu. Is-Sur Fenech qed joffri li jieħu ħsieb il-kontenut, ir-reklamar, u layout tar-rivista. Qed juri wkoll il-ħsieb li f'din ir-rivista jkun hemm ir-rokna tal-Kappillan.

Is-Sindku fakkar li f'din il-leġiżlatura, il-Kunsill kien ħa deċiżjoni biex tibda toħroġ ittraaħbar kull erba xhur bl-ideja li jinżamm kuntatt mall-komunità tal-Iklin. Waqfet temporanjament minħabba l-pandemija iżda l-ittraaħbar ingħatat stil aktar modern li jappella. Barra minnhekk, illum il-ġurnata ninsabu f'dinja diġitalizzata u l-Kunsill qed juża aktar dawn il-pjattaformi speċjalment bl-użu tal-mezzi soċjali biex iwassal il-messaġġ.

Filwaqt li s-Sindku jirringrazzja lil Ex-Kunsillier Louis Fenech talli qed joffri d-dispożiżżjoni tiegħu f'dan ir-rigward, il-Kunsill se jkun qed jagħmel ftit brain storming dwar x'kontribut jista joffri s-Sur Fenech, bħala persuna li tħobb il-kultura u l-arti fejn ċertament jista jikkontribwixxi f'dan il-qasam billi jipprovdi aspetti dwar l-istorja u l-kultura ta' din il-lokalità. Ikkonkluda li l-Kunsill għandu jagħmel brain storming session dwar dan is-suġġeriment għaliex is-Sindku huwa tal-fehma li l-materjal stampat għandu jkun inklinat aktar fuq l-istorja tar-raħal.

## 59.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

59.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar it-talba li qed jagħmel is-Sur Fenech, resident mill-Iklin dwar suġġeriment li l-Kunsill jerġa jibda joħroġ rivista darba kull erba xhur u fejn qed joffri li jagħmel dan ix-xogħol *gratis et amoris*. Il-Kunsillier Catania issuġġerixxa li ssir laqgħa mas-Sur Fenech dwar dan.

Is-Sindku wieġeb li qabel ma' l-Kunsill jieħu deċiżjoni, irid li l-Kunsill ikollu pjan fit-tul. Għaldaqstant jissuġġerixxi li jirrisolvi f'Kumitat u din il-materja tiġi diskussa aktar fit-tul.

59.5.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk nistgħux bħala Kunsill nilqgħu din il-proposta.

Is-Sindku wieġeb li jippreferi li jkun hemm pjan strutturat qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni għaliex il-fatt li l-Kunsill diġa qed joħroġ ittraaħbar f'forma stampata, ma jagħmilx sens li jsir duplikazzjoni tax-xogħol u għaldaqstant jeħtieġ li naħsbu f'direzzjoni kemmxejn differenti.

## 59.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

59.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-4 ta' April u s-6 ta' Mejju 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

59.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 802/23. Inizjattiva biex ir-rebbiegħa ma jsirx qtugħ tal-ħaxix.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill kien iffirma MoU dwar dan u qed jiġi onorat.

**COMPLAINTS SHEET (04 April - 06 May 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 98 | 05/04/2023 | Tabella No Parking sign u linji sofor ma jidhrux. | Pending | 34, Triq G. Mamo | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 99 | 05/04/2023 | Sqaq in-Namur bżonn li jinqata` l-ħaxix fit-triq. | Pending | Sqaq in-Namur | **Council** |
| 100 | 10/04/2023 | Talba biex tinkines Triq E S Inglott u Triq Għargħur. | Pending | Triq E S Inglott | **Cleansing** |
| 101 | 10/04/2023 | Tappiera tħabbat quddiem 61, Triq il-Wied. | sent email | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 102 | 10/04/2023 | Barmil b'xi likwidu fejn tal-CatFeeders fi Triq il-Wied fejn is-siġar tar-rand. | settled | Triq il-Wied | **Council** |
| 103 | 11/04/2023 | Talba biex jinkinsu l-pjazza, Triq G E Mercer u int u ħiereġ għal Triq Dun Karm | Pending | Triq G E Mercer | **Cleansing** |
| 104 | 13/4/23 | Sadd ta’ drenaġġ mill-bankina lejn it-triq quddiem residenza 8 u 10 Triq L F Mizzi | settled | Triq L F Mizzi | **WSC** |
| 105 | 13/4/23 | sadd ta’ drenagg mill l-bankina lejn it-triq quddiem residenza 8 u 10 Triq L F Mizzi | settled | Triq L F Mizzi | **WSC** |
| 106 | 14/4/23 | Sprall miksur u ġurdien weħel fih quddiem residenza 51,Triq Alfons M Galea | settled | 51,Triq A M Galea | **Resident** |
| 107 | 18/4/2023 | Triq il-Wied zebra cross l-arblu ta dawl hemm l-cover maqlugħ hemm periklu tal-wires ħiereġ minnu. | Pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 108 | 18/4/2023 | Kennies mhux imur fil-parti ta' Dun Karm quddiem residenza 149, resident qed jilmenta li kennies ilu ma' jmur fuq xhar | Pending | 149,Triq Dun Karm | **Cleansing** |
| 109 | 18/4/23 | Lampa ma tixgħelx quddiem 94-96 Triq il-Wied. | closed | 94-96,Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 110 | 20/04/2023 | Hemm ħafna ħmieġ fejn substation tad-dawl fi Triq il-Wied. Hemm bżonn jitnaddaf. | Pending | Triq il-Wied | **Cleansing** |
| 111 | 20/04/2023 | Hiereġ drenaġġ mit-tappiera ta' Triq in-Naxxar | Pending - reported to WSC not. 303790491 | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 112 | 20/04/2023 | Talba biex titranga l-bankina ta' quddiemha fi Triq Geronimo Abos għaliex il-madum niżel u qed jaqgħu in-nies | settled | 53, Triq Geronimo Abos | **Public Works** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 113 | 20/04/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix ta' fuq il-bankina fi Triq G Abos c/w Triq G Curmi | settled | Triq Geronimo Abos | **Cleansing** |
| 114 | 20/04/2023 | Talba biex jinqata' l-haxix ta' fuq il-bankina fi Triq G Abos c/w Triq C Bugeja | settled by our handyman | Triq Geronimo Abos | **Cleansing** |
| 115 | 20/04/2023 | Kaxxa WSC quddiem 20 Triq G Curmi miksura | settled | Triq G Curmi | **Council** |
| 116 | 20/04/2023 | Ilment li qegħdin jibdew kmieni ħafna anke s-Sibt f'6.15am bit-trakkijiet ghall-Kulleġġi minn Triq E Naudi | pending | Triq E Naudi | **Council** |
| 117 | 21/04/2023 | Tappieri jħabbtu quddiem 92, Triq il-Wied | sent email | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 118 | 22/04/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix ta' fuq il-bankina fi Triq S Erardi | Pending | Triq Stefano Erardi | **Cleansing** |
| 119 | 24/04/2023 | Fi Triq GE Mercer, taħt il-bandli hemm vettura li ilha (3) ġimgħat mingħajr rota | Pending - sent email to Police | Triq G E Mercer | **Police** |
| 120 | 24/04/2023 | Dan ir-resident qed jissuġġerixxi li jsiru double yellow lines taħt il-bandli għaliex qed jipparkjaw vetturi u anki vetturi goffi u qed ikunu ta' periklu. Ser isir inċident gravi | Pending | Triq GE Mercer | **Council** |
| 121 | 24/04/2023 | Hemm żewġ bozoz maqtugħin fi Trejqa fi Triq il-Ħwawar | settled | Trejqa fi Triq il-Ħwawar | **Mica med** |
| 122 | 25/04/2023 | Water Culverts jagħmlu l-ħoss kull darba li tgħaddi vettura | Pending | Triq in- Naxxar | **Infrastructure** |
| 123 | 25/4/2023 | Triq il-Ħwawar wara bitmac hemm xkora safra u tiġieġa mejta f'nofs ta triq. | settled | Triq il-Hwawar | **Council** |
| 124 | 26/4/2023 | Talba għal qtugħ tas-siġar fi Triq Dun Karm għaliex tant kibru li qed jgħattu d-dawl tat-triq | Pending | Triq Dun Karm | **Council** |
| 125 | 26/04/2023 | Tappieri jagħmlu ħafna ħsejjes fi Triq il-Wied l-isfel min Red Farm | Pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 126 | 26/04/2023 | Ilment dwar atteġġjament ta' pustier fi Triq ES Inglott. Rema' karta mal-art u ma ' riedx jiġborha | closed | Triq ES Inglott | **Maltapost** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 127 | 27/4/2023 | Talba għal linja safra quddiem id-drive in tar-residenta tal-49 Triq il-Wied minhabba li l-vetturi qed jagħlqulu l-passaġġ (visual obstruction). | Pending | 49,Triq il-Wied | **Council** |
| 128 | 28/4/2023 | Hemm zewg bozoz maqtughin fi Trejqa fi Triq il-Hwawar hemm xi hsarat fil linji min naha tal-enemalta | Pending | Trejqa fi Triq il-Hwawar | **Enemalta** |
| 129 | 28/04/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix ta' fuq il-bankina fi Triq il-Ħarruba | Pending | Triq il-Ħarruba | **Cleasing** |
| 130 | 28/4/2023 | Bozza maqtugħa fi Triq Erin S Inglott quddiem residenza 9 Dimora. | Pending | 9 Dimora,Triq Erin S Inglott | **MicaMed** |
| 131 | 02/05/2023 | Borza sewda kbira fi Triq G. Pesci c/w Triq E. S. Inglott | Pending | Triq G. Pesci c/w S. Inglott | **Local Council** |
| 132 | 02/05/2023 | Inċident li sar it-Tnejn 1 ta' Mejju, tfajla f'nofs tat- triq u ma riditx tersaq min-nofs it-triq. Bdiet tkellem ħażin lix-xufiera. Vettura minn wara bdiet issegwi u tross il-vettura nvoluta. Din mhux l-ewwel inċident ta' din ix-xorti. Saru rapporti l-Għassa kemm il-darba. | Pending | Triq Għargħur | **Local Police & Police Commissioner** |
| 133 | 02/05/2023 | Talba biex traffic lights ta' Triq Dun Karm quddiem ħanut tan-negozju partikolari jsiru jaqilbu flimkien, raġuni, sakemm tistenna fix-xita 2 minuti biex taqleb f'nofs tat-triq tixxarrab u jaħsluk il-vetturi. | Pending | Triq Dun Karm | **Traffic lights** |
| 134 | 02/05/2023 | Talba ta' attenzjoni rigward ġibjun Ruman li jinsab taħt dar fi Triq Stefano Erardi | Pending | Triq Stefano Erardi | **Council** |
| 135 | 03/05/2023 | Bozza maqlugħa fi Triq Karmenu Vassallo quddiem no. 16 | Pending | Triq K. Vassallo | **Council** |
| 136 | 05/05/2023 | Bozza maqlugħa fi Triq Karmenu Vassallo quddiem no. 16 | Pending | Triq K. Vassallo | **Enemalta** |
| 137 | 05/05/2023 | Ilment rigward ħsarat fuq vetturi fl-Iklin | Pending | G. Abos u Dun Karm | **Police** |
| 138 | 05/05/2023 | Ilment rigward riħa ta' electronics jinħarqu fi Triq S. Erardi c/w C. Bugeja u ħoss 'hi pitch' | Pending | S. Erardi c/w C. Bugeja | **Council** |
| 139 | 05/05/2023 | Ilment rigward ħaxix fuq il-bankina. Talba biex jiġi maqtugħ quddiem ir-residenza Ray-Joy, Triq G M Azzopardi | Pending | Triq G M Azzopardi | **Council** |

## 59.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

59.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

59.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

59.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

59.7.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

I. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur D&G Services għall-kunċert li ser jornganizza l-Kunsill nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju 2023 fi Triq San Mikiel L-Iklin għall-prezz ta' Eur1,534.00 VAT inkluż.
II. Kwotazzjoni mingħand l-impersonator Josuel as Elvis għall-kunċert li ser jittella nhar is-Sibt 22 ta' Lulju fi Triq San Mikiel L-Iklin għall-prezz ta' Eur5k VAT inkluż;
III. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Transient Light & Sound għall-kunċert li ser jittella nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 fi Triq San Mikiel L-Iklin għall-prezz ta' Eur2,864.45 VAT inkluż;
IV. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Transient Light & Sound għal lighting equipment għall-prezz ta' Eur2,446.85 VAT inkluż;

## 59.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

59.8.1 Applikazzjoni PA 02453/23 – 69, Redeemer, Triq il-Klin, L-Iklin – To sanction internal alterations, extended front balconies and reduced internal courtyard as has been approved in PA2799/20.

59.8.2 Applikazzjoni PA 02401/23 – 46, Triq Gużè Galea L-Iklin. Proposed change of use from garage to Class 4B shop, internal alterations and fixing of sign. To sanction garage as built.

59.8.3 Applikazzjoni PA 04286/21 – Sala tal-Kunsill, 'Social Hall' – Wilson Hall Triq Lewis F. Mizzi L-Iklin.

Proposed internal additions in order to render social hall dividable and more accessible; including proposed construction of a fully accessible ramp at the entrance.

**59.9 AĠĠORNAMENT DWAR FESTA FJURI 2023**

59.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta il-programm tal-attività kulturali 'Festa Fjuri' li ġiet skedata għal nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju 2023 bit-tema magħżula għal din is-sena 'Ħobb in-natura biex tkun f'saħħtek'. Informa li l-Press Conference dwar din l-attività annwali ġiet skedata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju fi Triq Anton Buttigieg. Informa li għal din l-edizzjoni Festa Fjuri, ikkonferma li hemm numru ta' parteċipanti li se jkunu qed jieħdu sehem.

Is-Sindku kompla billi qal li saru l-arranġamenti kollha neċessarji mall-Kummissarju tal-Pulizija, dehru l-avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern għas-sospensjoni tal-parkeġġ u t-traffiku fi Triq Anton Buttigieg u Pjazza Ninu Cremona. Ġie kkummissjonat kuntrattur biex isir Risk Assessment tal-attività u preżentement l-amministrazzjoni qed taħdem fuq il-loġistika. Ser nipprovdu s-servizz ta' tabib f'każ ta' emerġenza, resident mill-lokal li offra s-servizzi professjonali tiegħu mingħajr ħlas għal waqt l-attività. Eżempju klassi ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Informa wkoll li waħda miż-żoni ser tkun iddedikata lill-artisti biex l-attività Festa Fjuri tieħu xejra artistika. Numru ta' artisti mill-lokal u oħrajn minbarra l-lokal.

Fl-aħħarnett, is-Sindku informa li ġew ukoll mistiedna d-Dar tal-Providenza biex jieħdu sehem fl-attività fejn se jkunu armati bi stand tax-xitel, ħwawar u fjuri friski.

59.9.2 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk hemmx aktar mistoqsijiet jew proposti oħra biex jingħalaq il-programm.

59.9.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ipproponiet biex meta jiġi stampat il-programm tal-attivitajiet, il-Kunsill jieħu ħsieb iżid il-kwantitajiet biex issir distribuzzjoni mal-lokalitajiet ġirien bil-ħsieb li nippromwovu l-attività. *Nem con*.

59.9.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ippropona li jerġgħu isiru l-intervisti tas-Sindku u l-Kunsillieri dwar l-attività Festa Fjuri biex nippromwovu l-attività. *Nem con*.

## 59.10 AĠĠUSTAMENTI LI ĠEW PROPOSTI MILL-UDITURI TAL-GVERN LOKALI GĦAS-SENA 2022.

59.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-aġġustamenti ta' natura korrettiva għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

59.10.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni tal-aġġustamenti skont kif proposti mill-udituri tal-Gvern.

59.10.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

59.10.4 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji bid-data tal-10 ta' Mejju 2023. Dawn l-Istqarrijiet ġew moqrija u spjegati fid-dettal.

59.10.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

59.10.6 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar l-ammont ta' Eur10k fejn skont l-Accountant Eur7k minnhom qegħdin f'kont bankarju separat (Fixed Term Deposit) u l-kumplament ta' circa Eur3k qegħdin ipparkjati bħala Deferred Income.

59.10.7 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fir-rigward tal-Fixed Term Deposit, bl-ammont ta' circa Eur7k, il-Kunsill kien ressaq mozzjoni biex dak l-ammont li kien parti minn proġett li jmur lura madwar 12-il sena ilu dwar Football Pitch Ground liema proġett ma kienx ġie materjalizzat, dawn il-fondi jkunu jistgħu jiġu utilizzati għal skop ieħor.

Filwaqt li fil-każ tal-ammont ta' Eur3k li skont l-Accounts qegħdin irrekordjati bħala Deferred Income, dan prattikament il-Kunsill kien applika għal skema ta' aċċessibilità u l-Kunsill kien ibbenifka minn fond ta' madwar Eur6k. Minnhom kien utilizza l-ammont ta' circa Eur3,400 għall-implimentazzjoni ta' stair lift għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill filwaqt li għad fadal bilanċ ta' circa Eur3k li huma irrekordjati bħala Deferred Income biex ikun jista jintuża għal skop ta' aċċessibilità.

59.10.8 L-Accountant informa li kien importanti li l-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista jutilizza dan l-ammont għal skop ieħor.

## 59.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

59.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 p.m.

59.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 p.m.

59.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |